SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

21 ta' Settembru 2017 *

"Appell – Akkordji – Produtturi Taljani ta' vireg għar-rinfurzar tal-konkrit – Iffissar tal-prezzijiet kif ukoll limitazzjoni jew kontroll tal-produzzjoni jew tal-bejgħ – Ksur tal-Artikolu 65 KEFA – Annullament tad-deċiżjoni inizjali mill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea – Deċiżjoni adottata mill-ġdid abbażi tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Assenza ta' ħruġ ta' dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida – Assenza ta' seduta wara l-annullament tad-deċiżjoni inizjali"

Fil-Kawża C-88/15 P,

li għandha bħala suġġett appell skont l-Artikolu 56 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, imressaq fl-20 ta' Frar 2015

Ferriere Nord SpA, stabbilita f'Osoppo (l-Italja), irrappreżentata minn W. Viscardini u G. Donà, avvocati,

rikorrenti,

il-parti l-oħra fil-kawża li hija:

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn L. Malferrari u P. Rossi, bħala aġenti, assistiti minn P. Manzini u M. Moretto, avvocati, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

konvenuta fl-ewwel istanza,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn E. Juhász, President tal-Awla, C. Vajda (Relatur) u C. Lycourgos, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: V. Giacobbo-Peyronnel, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-20 ta' Ottubru 2016,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Diċembru 2016,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

Sentenza

1 Permezz tal-appell tagħha, Ferriere Nord SpA titlob l-annullament tas-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropew tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, mhux ippubblikata, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata", EU:T:2014:1035), li permezz tagħha din ċaħdet ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C (2009) 7492 finali, tat-30 ta' Settembru 2009, dwar ksur tal-Artikolu 65 KEFA (Każ COMP/37.956 – Vireg tal-ħadid li jsaħħu l-konkrit – adozzjoni mill-ġdid, iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2009"), fil-verżjoni tagħha emendata Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 9912 finali, tat-8 ta' Diċembru 2009 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni li temenda") (deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2009, kif emendata bid-deċiżjoni li temenda, iktar 'il quddiem la "deċiżjoni kkontestata").

Il-fatti li wasslu għall-kawża u d-deċiżjoni kkontestata

2 Il-fatti li wasslu għall-kawża huma esposti fil-punti 16 sa 22 tas-sentenza appellata:

"16 Minn Ottubru sa Diċembru 2000, il-Kummissjoni wettqet verifiki skont l-Artikolu 47 KEFA fl-impriżi Taljani li jipproduċu vireg għar-rinfurzar tal-konkrit u f'assoċjazzjoni ta' impriżi siderurġiċi Taljani [Federacciai]. Hija bagħtitilhom ukoll talbiet għal informazzjoni, skont l-Artikolu 47 KEFA […]

17 Fis-26 ta' Marzu 2002, il-Kummissjoni fetħet proċedura amministrattiva u fformulat ilmenti skont l-Artikolu 36 KEFA (iktar 'il quddiem id-"dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet") […] [Ferriere Nord] ppreżentat osservazzjonijiet bil-miktub dwar id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet fil-31 ta' Mejju 2002. Inżammet seduta fil-13 ta' Lulju 2002[…].

18 Fit-12 ta' Awwissu 2002, il-Kummissjoni fformulat oġġezzjonijiet addizzjonali (iktar 'il quddiem id-"dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali"), indirizzati lid-destinatarji tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali, ibbażata fuq l-Artikolu 19(1) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 17, tas-6 ta' Frar 1962, l-ewwel Regolament li jimplimenta l-Artikoli [81 KE] u [82 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 3), il-Kummissjoni spjegat il-pożizzjoni tagħha fir-rigward tat-tkomplija tal-proċedura wara l-iskadenza tat-Trattat KEFA. [Ferriere Nord] ippreżentat l-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub fl-20 ta' Settembru 2002 u t-tieni seduta fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Istati Membri seħħet fit-30 ta' Settembru 2002 […]

19 Fi tmiem il-proċedura, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni C (2002) 5087 finali, tas-17 ta' Diċembru 2002, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 65 KEFA (COMP/37.956 – Vireg għar-rinfurzar tal-konkrit) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-2002"), li permezz tagħha hija kkonstatat li l-impriżi destinatarji tagħha kienu implementaw akkordju uniku, kumpless u kontinwu fis-suq Taljan tal-vireg jew tar-rombli għar-rinfurzar tal-konkrit, li kellu bħala għan jew bħala effett l-iffissar tal-prezzijiet u li kien ukoll wassal għal limitazzjoni jew għal kontroll miftiehem tal-produzzjoni jew tal-bejgħ, bi ksur tal-Artikolu 65(1) KEFA. F'din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni imponiet fuq [Ferriere Nord] multa fl-ammont ta' EUR 3.57 miljun […]

20 Fl-10 ta' Marzu 2003, [Ferriere Nord] ippreżentat rikors quddiem il-Qorti Ġenerali kontra d-deċiżjoni tal-2002. Permezz tas-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2007, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-94/03, [mhux ippubblikata, EU:T:2007:320]), il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-2002. Il-Qorti Ġenerali rrilevat, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li d-deċiżjoni tal-2002 ma kienet tinkludi fiha ebda riferiment għall-Artikolu 3 u għall-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 17, li din id-deċiżjoni kienet ibbażata biss fuq l-Artikolu 65(4) u (5) KEFA […]. Peress li dawn id-dispożizzjonijiet kienu skadew fit-23 ta' Lulju 2002, il-Kummissjoni ma

setgħetx iktar teżerċita kompetenza abbażi tagħhom, peress li ma kinux japplikaw fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-2002, biex tikkonstata ksur tal-Artikolu 65(1) KEFA u biex timponi multi fuq l-impriżi li pparteċipaw fil-ksur imsemmi […]

21 B'ittra tat-30 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni informat lil [Ferriere Nord] u lill-impriżi kkonċernati l-oħra bl-intenzjoni tagħha li terġa' tadotta deċiżjoni, billi tibdel il-bażi legali meta mqabbel ma' dik li kienet intgħażlet għad-deċiżjoni tal-2002. Barra minn hekk, hija ppreċiżat li, fid-dawl tal-portata limitata tas-sentenzi li annullaw id-deċiżjoni 2002 adottata mill-ġdid kellha tkun ibbażata fuq il-provi ppreżentati fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali. L-impriżi kkonċernati ngħataw terminu sabiex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom u [Ferriere Nord] ħadet sehem għal dawn il-kummentarji permezz ta' fax tal-1 ta' Awwissu 2008 […]

22 B'faxes tal-24 ta' Lulju u tal-25 ta' Settembru 2008, tat-13 ta' Marzu u tat-30 ta' Ġunju u tas-27 ta' Awwissu 2009, il-Kummissjoni talbet lil [Ferriere Nord] informazzjoni dwar il-kapital azzjonarju u l-pożizzjoni finanzjarja tal-kumpanija. [Ferriere Nord] irrispondiet għal dawn it-talbiet għal informazzjoni rispettivament permezz ta' posta elettronika tal-1 ta' Awwissu u tal-1 ta' Ottubru 2008, tat-18 ta' Marzu, tal-1 ta' Lulju u t-8 ta' Settembru 2009."

3 Fid-Deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni kkunsidrat, b'mod partikolari, li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE] [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205) kellu jiġi interpretat fis-sens li jippermettilha tikkonstata u tissanzjona, wara t-23 ta' Lulju 2002, l-akkordji fis-setturi li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat KEFA *ratione materiae* u *ratione temporis*. Hija indikat li din id-deċiżjoni ġiet adottata konformement mar-regoli proċedurali tat-Trattat KE kif ukoll mill-imsemmi regolament u li d-dispożizzjonijiet sostantivi li ma kinux għadhom fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni ta' att, jistgħu jiġu applikati skont il-prinċipji li jirregolaw is-suċċessjoni tar-regoli fil-ħin, suġġett għall-applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali tal-l*ex mitior*.

4 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2009 jipprevedi, b'mod partikolari, li Ferriere Nord kienet kisret l-Artikolu 65(1) KEFA, billi pparteċipat, mill-1 ta' April 1993 sal-4 ta' Lulju 2000, fi ftehim kontinwu u/jew fi prattiki miftiehma fir-rigward tal-vireg jew tar-rombli għar-rinfurzar tal-konkrit, li kellhom bħala suġġett u/jew bħala effett l-iffissar tal-prezzijiet u l-limitazzjoni u/jew il-kontroll tal-produzzjoni jew tal-bejgħ fis-suq komuni. Permezz tal-Artikolu 2 tal-istess deċiżjoni, il-Kummissjoni imponiet fuq Ferriere Nord multa fl-ammont ta' EUR 3.57 miljuni.

5 Permezz ta' ittri mibgħuta bejn l-20 u t-23 ta' Novembru 2009, tmienja mill-ħdax-il kumpannija destinatarja tad-Deċiżjoni tat-30 ta' Settembru 2009, inkluża Ferriere Nord, indikaw lill-Kummissjoni li l-anness ta' din id-deċiżjoni, kif innotifikata lid-destinatarji tagħha, ma fihiex it-tabelli li juru l-varjazzjonijiet fil-prezz.

6 Fit-8 ta' Diċembru 2009, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni li temenda, li kienet tintegra t-tabelli nieqsa fl-anness tagħha u li kienet tikkoreġi r-referenzi nnumerati fit-tabelli msemmija fit-tmien noti ta' qiegħ il-paġna. Id-deċiżjoni li temenda ġiet innotifikata lil Ferriere Nord fid-9 ta' Diċembru 2009.

Il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali u s-sentenza appellata

7 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Frar 2010, Ferriere Nord ppreżentat rikors intiż, b'mod prinċipali, għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata u, sussidjarjament, għall-annullament jew għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa.

8 Insostenn tar-rikors tagħha, Ferriere Nord invokat għaxar motivi, fl-ewwel lok, fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-Kummissjoni, fit-tieni lok, fuq l-assenza ta' ħruġ minn qabel ta' dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, fit-tielet lok, fuq l-assenza ta' seduta mill-Uffiċjal tas-Seduta, fir-raba' lok, tal-posterjorità tar-rapport finali għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, fil-ħames lok, fuq l-adozzjoni tat-test nieqes mill-annessi li huma msemmija fih, fis-sitt lok ta' żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-fatti, fis-seba' lok, tan-natura sproporzjonata tal-ammont tal-multa meta mqabbla mal-gravità u t-tul tal-akkordju, fit-tmien lok, fuq l-illegalità taż-żieda tal-ammont tal-multa għar-reċidiva, fid-disa' lok, fuq l-assenza ta' rikonoxximent taċ-ċirkustanzi attenwanti, barra dawk previsti Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni ta' multi jew it-tnaqqis tal-ammont tagħhom fil-kawżi li jikkonċernaw akkordji (ĠU 1996, C 207, p. 4) u, fl-għaxar lok, fuq applikazzjoni żbaljata ta' din il-Komunikazzjoni.

9 Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali naqqset l-ammont tal-multa imposta fuq Ferriere Nord għal EUR 3 421 440 u tiċħad il-kumplament tar-rikors ta' din tal-aħħar.

10 Permezz ta' att ippreżentat fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord talbet lill-Qorti Ġenerali sabiex tipproċedi għal rettifika tal-punt 420 tas-sentenza appellata, talba li ġiet miċħuda mill-Qorti Ġenerali permezz ta' digriet tat-13 ta' Marzu 2015, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10 REC, mhux ippubblikati, EU:T:2015:173).

It-talbiet tal-partijiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

11 Bl-appell tagħha Ferriere Nord titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– prinċipalment, tannulla s-sentenza appellata, billi ċaħdet it-talba prinċipali ppreżentata minnha fil-kuntest tar-rikors tagħha fil-Kawża T-90/10 u, konsegwentement, tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

– sussidjarjament, tannulla, is-sentenza appellata, sa fejn din ċaħdet it-talba sussidjarja ppreżentata minnha fil-kuntest tar-rikors tagħha fil-Kawża T-90/10 u, konsegwentement, tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata u tiddeċiedi fuq tnaqqis ikbar tal-ammont tal-multa imposta fuq Ferriere Nord, u

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż taż-żewġ istanzi.

12 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

– tiċħad l-appell, u

– tikkundanna lil Ferriere Nord għall-ispejjeż.

Fuq it-talba għal ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura

13 Il-fażi orali tal-proċedura ngħalqet fit-8 ta' Diċembru 2016 wara l-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali. Permezz ta' ittra tas-27 ta' Jannar 2017, ippreżentata fl-istess jum fir-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex terġa' tiftaħ mill-ġdid il-fażi orali tal-proċedura u li tinfilza fil-proċess provi ta' fatt esposti fit-talba tagħha kif ukoll id-dokumenti annessi magħha.

14 Insostenn għat-talba tagħha, il-Kummissjoni ssostni, essenzjalment, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex suffiċjentement ċara fuq iċ-ċirkustanzi fattwali dwar is-seduti tat-13 ta' Ġunju u tat-30 ta' Settembru 2002, li fuqhom l-Avukat Ġenerali jibbaża l-konklużjonijiet tiegħu, peress li dawn iċ-ċirkustanzi ma kinux speċifikament dibattuti bejn il-partijiet.

15 L-Artikolu 83 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, jippermettulha, li wara li jkun instema' l-Avukat Ġenerali, tordna fi kwalunkwe mument il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura, b'mod partikolari meta l-kawża jkollha tiġi deċiża fuq il-bażi ta' argument ta' liġi li ma kienx ġie indirizzat mill-partijiet.

16 Madankollu, għandu jitfakkar, li l-għan tal-appell huwa, fil-prinċipju, iddefinit mill-aggravji u mill-argumenti mqajma mill-partijiet. F'dan il-każ, dawn tal-aħħar kellhom il-possibbiltà li jiddibattu suffiċjentement dawn l-aggravji u dawn l-argumenti fin-noti u s-seduti komuni tagħhom tal-20 ta' Ottubru 2016 fil-Kawżi C-85/15 P sa C-89/15 P.

17 Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, tqis li ma hemmx lok li jiġi ordnat il-ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali tal-proċedura.

Fuq l-appell

18 Insostenn tal-appell tagħha,, Ferriere Nord tqajjem disa' aggravji bbażati, fl-ewwel lok, fuq żnaturament manifest tal-fatti u tal-provi, fuq l-assenza ta' konstatazzjoni ta' kontradizzjonijiet manifesti tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll ksur tar-regoli fil-qasam tal-oneru tal-prova, fit-tieni lok, fuq ksur tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1/2003 sa fejn ma ġietx innotifikata minn qabel dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, fuq ksur tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi, żnaturament tal-fatti jew tal-provi, fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża, fuq nuqqas ta' motivazzjoni kif ukoll fuq ksur tad-dritt għal smigħ mill-uffiċjal tas-seduta, fit-tielet lok, fuq ksur tar-regolament intern tal-Kummissjoni, fir-raba' lok, tat-tul tal-parteċipazzjoni ta' Ferriere Nord fl-akkordju u fuq żbalji ta' dritt fl-evalwazzjoni tal-fatti, fuq żnaturament tal-provi, fuq ksur tal-prinċipji ġenerali fil-qasam tal-oneru tal-prova u *in dubio pro reo* kif ukoll fuq kontradizzjoni fil-motivi, fil-ħames lok, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità fid-determinazzjoni tal-ammont bażiku tal-multa imposta fuq Ferriere Nord fid-dawl tal-gravità u t-tul tal-ksur, fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament kif ukoll fuq nuqqas ta' motivazzjoni, fis-sitt lok, fuq żball manifest ta' kalkolu jew ta' nuqqas ta' eżattezza manifest fit-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta fuq Ferriere Nord, fuq eżerċizzju żbaljat tal-kompetenza ta' ġurisdizzjoni sħiħa kif ukoll fuq nuqqas ta' motivazzjoni, fis-seba' lok, fuq illegalità taż-żieda tal-ammont bażiku tal-multa għar-reċidiva minħabba ksur tad-drittijiet tad-difiża, fit-tmien lok, fuq illegalità taż-żieda tal-ammont bażiku tal-multa għar-reċidiva minħabba ż-żmien li jkun għadda, kif ukoll, fid-disa' lok, fuq illegalità taż-żieda tal-ammont bażiku tal-multa għar-reċidiva minħabba ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Fuq it-tieni aggravju

L-argumenti tal-partijiet

19 Permezz tat-tieni aggravju tagħha, li għandu jiġi eżaminat l-ewwel, Ferriere Nord tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi billi waslet għall-konklużjoni li l-Kummissjoni ma kellhiex l-obbligu li tibgħatilha dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni kkontestata.

20 Fl-ewwel lok, Ferriere Nord tistieden lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex teżamina l-fondatezza tal-konstatazzjoni magħmula fil-punt 121 tas-sentenza appellata, skont liema l-prinċipju ta' *tempus regit actum* għandu jiġi interpretat biss fis-sens li att ta' proċedura għandu jiġi adottat abbażi ta' regola

fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tiegħu. Skont Ferriere Nord, din l-interpretazzjoni hija żbaljata sa fejn id-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, adottata abbażi tal-Artikolu 36 tal-KEFA, ma tistax tiġi adottata abbażi tar-regolament Nru 1/2003.

21 Skont Ferriere Nord, l-adozzjoni ta' dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida kienet meħtieġa wara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2007, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-94/03, mhux ippubblikata, EU:T:2007:320), u kkostitwixxiet applikazzjoni ġusta tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582) għall-punt 73 li minnu l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet l-annullament ta' miżura tal-Unjoni mhux neċessarjament jaffettwa l-atti preparatorji, peress li l-proċedura sabiex tiġi ssostitwita l-miżura annullata tista', bħala prinċipju, tissokta mill-punt speċifiku li fih twettqet l-illegalità. Fil-fatt, permezz tal-użu tal-kliem "mhux neċessarjament" u "fil-prinċipju", il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx li, fid-dawl tal-partikolaritajiet tal-każ, il-proċedura tista' terġa' tibda minn fażi sussegwenti għall-punt fejn seħħet l-illegalità li tat lok għall-annullament ta' att.

22 Fit-tieni lok, Ferriere Nord tinvoka żnaturament tal-fatti u tal-provi kif ukoll ksur tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi, sa fejn diversi provi jidhru fl-ittri li l-Kummissjoni indirizzatilha qajmu aspettattiva leġittima fil-fatt li d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida ġiet adottata.

23 Fit-tielet lok, hija targumenta li, kuntrarjament għal dak li sostniet il-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata, l-adozzjoni ta' dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida hija meħtieġa sa fejn din ma tkunx identika għad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet. F'dan ir-rigward, hija tinvoka, b'mod partikolari, id-differenza bejn ir-riferimenti għas-suq Taljan u għas-suq komuni fid-dispożittiv tad-deċiżjoni 2002 u fid-deċiżjoni kkontestata.

24 Barra minn hekk, Ferriere Nord tinvoka ksur tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 1/2003, kif ukoll tal-Artikoli 11 u 12 tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 773/2004 Regolament tal-Kummissjoni (KE) numru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu [101 TFUE] sa [102 TFUE] tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81), sa fejn, fil-punt 148 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, fl-assenza ta' oġġezzjonijiet ġodda, il-Kummissjoni ma kinitx obbligata li torganizza seduta ġdida quddiem l-Uffiċjal tas-Seduta.

25 Il-Kummissjoni tikkunsidra bħala inammissibbli l-argumenti ta' Ferriere Nord imressqa, fl-ewwel lok, minħabba li dawn ma jikkontestawx is-sentenza appellata b'mod ċar, iżda jillimitaw ruħhom biss li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja kjarifiki fuq il-kwistjoni ta' jekk deċiżjoni adottata skont ir-Regolament Nru 1/2003 tista' tiġi bbażata fuq dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet adottata abbażi tat-Trattat KEFA.

26 Fuq il-mertu, il-Kummissjoni ssostni li l-Qorti Ġenerali, b'risposta għall-argument dwar in-neċessità ta' korrispondenza tal-bażi legali bejn l-att preparatorju u l-att definittiv, ma applikatx b'mod żbaljat b'mod wisq strett il-prinċipju ta' *tempus regit actum* fil-punti 118 sa 122 tas-sentenza appellata, iżda waslet għall-konklużjoni rilevanti li d-difett li jivvizzja d-deċiżjoni tal-2002 seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha, l-annullament ta' din id-deċiżjoni ma affettwatx il-validità tal-miżuri preparatorji, b'tali mod li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata li tinnotifika lil Ferriere Nord b'dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida.

27 Skont il-Kummissjoni, l-argumenti invokati fit-tieni lok minn Ferriere Nord huma wkoll inammissibbli. Minn naħa, il-ksur tal-aspettattivi leġittimi jikkostitwixxi aggravju ġdid. Min-naħa l-oħra, billi tinvoka formalment l-iżnaturament, Ferriere Nord qed tipprova, fir-realtà, tikseb evalwazzjoni ġdida tal-fatti.

28 Il-Kummissjoni tinsisti, fi kwalunkwe każ, fuq il-fatt li mill-provi evokati minn Ferriere Nord fil-messaġġi tal-Kummissjoni, jirriżulta li meta jinqraw fil-kuntest tagħhom, dawn ma jistgħux joħolqu aspettattivi leġittimi fir-rigward tan-notifika ta' dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida, kif irrilevat

il-Qorti Ġenerali fil-punti 127 u 128 tas-sentenza appellata. Għalhekk, huwa ġust u mingħajr żnaturament tal-fatti li l-Qorti Ġenerali kkonkludiet, fil-punt 126 ta' din is-sentenza, li Ferriere Nord ma tistax tinvoka tali aspettattivi leġittimi.

29 Fir-rigward tal-ammissibbiltà tal-argumenti invokati fit-tielet lok, il-Kummissjoni tiddikjara li Ferriere Nord tindika ċerti punti tas-sentenza appellata mingħajr ma jitressqu argumenti speċifiċi insostenn tal-iżball ibbażat fuq l-assenza ta' sanzjoni tan-nuqqas li tiġi nnotifikata dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida.

30 Fuq il-mertu, il-Kummissjoni tirreferi għall-punti 143 u 144 tas-sentenza appellata, li fihom il-Qorti Ġenerali enfasizzat l-assenza ta' bażi tal-argument skont liema dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida kienet neċessarja sabiex tistabilixxi jekk l-akkordju setax jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, peress li din il-kwistjoni tqajmet fid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet addizzjonali. Barra dan, Ferriere Nord titlaq mill-premessa żbaljata skont liema d-deċiżjoni kkontestata kienet issanzjonata minn ksur differenti minn dak ikkundannat fid-deċiżjoni tal-2002. Fil-fatt, mill-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata jirriżulta li l-ksur ilmentat jikkonsisti f'akkordju li jkopri s-suq Taljan kollu, jiġifieri parti sostanzjali tas-suq komuni u, għaldaqstant, akkordju projbit mill-Artikolu 65(1) tal-KEFA.

31 Il-Kummissjoni tikkunsidra li l-argument ibbażat fuq l-assenza ta' seduta ġdida quddiem l-Uffiċjal tas-Seduta huwa fformulat f'termini wisq ġenerali u mhux speċifiċi sabiex ikun ammissibbli. Fuq il-mertu, hija tirrileva li Ferriere Nord ma tikkontestax il-konklużjoni tal-Qorti Ġenerali skont liema din is-seduta kienet biss neċessarja jekk dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida kienet ġiet notifikata. Issa, il-Qorti Ġenerali kienet eskludiet in-neċessità ta' tali komunikazzjoni ġdida.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

32 Fir-rigward tal-argumenti mqajma, fl-ewwel lok minn Ferriere Nord, għandha tiġi miċħuda l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mressqa mill-Kummissjoni. Fil-fatt, jirriżulta b'mod ċar mill-appell li Ferriere Nord ma tillimitax ruħha li titlob kjarifiki lill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-kwistjoni mressqa, iżda hija intiża li turi li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' dritt, b'mod partikolari fil-punt 121 tas-sentenza appellata, billi qieset li l-ħruġ ta' dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ma hijiex neċessarja. Bl-istess mod, kuntrarjament għal dak li targumenta l-Kummissjoni, l-argument ta' Ferriere Nord dwar l-assenza ta' seduta quddiem l-Uffiċjal tas-Seduta huwa suffiċjentement speċifiku sabiex ikun ammissibbli, peress li l-appell isemmi kemm id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll li l-Qorti Ġenerali kisret f'dan ir-rigward ukoll il-punt tas-sentenza appellata li fiha dan il-ksur ġie imwettaq.

33 F'dak li jirrigwarda is-sustanza tal-argumenti ta' Ferriere Nord dwar l-assenza kemm tan-notifika ta' dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida kif ukoll ta' seduta quddiem l-Uffiċjal tas-Seduta, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-proċedura li għandha bħala għan l-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-2002, il-Kummissjoni, fis-26 ta' Marzu 2002, innotifikat lill-impriżi kkonċernati, inkluża lil Ferriere Nord, bid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, skont l-Artikolu 36 tal-KEFA. Is-seduta dwar dan seħħet fit-13 ta' Ġunju 2002. Wara l-iskadenza ta' dan it-trattat, il-Kummissjoni, fit-12 ta' Awwissu 2002, bagħtet lill-imsemmija impriżi d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet addizzjonali, ibbażata fuq l-Artikolu 19(1) tar-Regolament 17, li fiha hija spjegat il-pożizzjoni tagħha fid-dawl ta' din il-bidla fil-kuntest legali u stiednet lil dawn tal-aħħar sabiex jesponu l-fehma tagħhom dwar is-suġġett tal-imsemmija oġġezzjonijiet addizzjonali. Fit-30 ta' Settembru 2002 inżammet seduta fil-preżenza tar-rappreżentanti tal-Istati Membri.

34 Wara l-annullament tad-deċiżjoni 2002, permezz ta' ittra tat-30 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni informat lil Ferriere Nord u lill-impriżi kkonċernati l-oħra bl-intenzjoni tagħha li tadotta mill-ġdid din id-deċiżjoni billi tibbaża ruħha fuq ir-regolament Nru 1/2003 bħala bażi legali, konformement għar-regoli ta' proċedura previsti minn dan ir-regolament.

35 Fid-dawl ta' dan l-iżvolġiment proċedurali, għandu jiġi eżaminat jekk, kuntrarjament għal dak li kkonkludiet il-Qorti Ġenerali, b'mod partikolari, fil-punti 144 u 148 tas-sentenza appellata, il-Kummissjoni kisret l-obbligu, wara l-annullament tad-deċiżjoni tal-2002 billi ma adottatx dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida kif ukoll billi ma organizzatx seduta ġdida.

36 Hija ġurisprudenza stabbilita li r-regoli ta' proċedura għandhom ġeneralment jiġu applikati fid-data li fiha huma jidħlu fis-seħħ (is-sentenzi tad-29 ta' Marzu 2011, ArcelorMittal Luxembourg vs Il-Kummissjoni u Il-Kummissjoni vs ArcelorMittal Luxembourg *et*, C-201/09 P u C-216/09 P, EU:C:2011:190, punt 75 u l-ġurisprudenza ċċitata; tad-29 ta' Marzu 2011, ThyssenKrupp Nirostavs Il-Kummissjoni, C-352/09 P, EU:C:2011:191, punt 88, kif ukoll tal-11 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-610/10, EU:C:2012:781, punt 45), anki fi proċedura li nbdiet qabel dik id-data, iżda li għadha pendenti wara dik id-data (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 2012, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-610/10, EU:C:2012:781, punt 47).

37 F'dan il-każ, peress li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 7(1) u tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, peress li l-proċedura li twassal għal din id-deċiżjoni għandha titwettaq konformement ma' dan ir-regolament kif ukoll mar-Regolament Nru 773/2004 li r-Regolament Nru 1/2003 jikkostitwixxi l-bażi legali tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-29 ta' Marzu 2011, ThyssenKrupp Nirosta vs Il-Kummissjoni, C-352/09 P, EU:C:2011:191, punt 90), minkejja l-fatt li din il-proċedura kienet inbdiet qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1/2003.

38 Minn dan isegwi li l-Qorti Ġenerali, fil-punt 121 tas-sentenza appellata, wettqet żball ta' liġi sa fejn hija interpretat il-prinċipji li jirregolaw l-applikazzjoni tal-liġi fiż-żmien, li skonthom ir-regoli tal-proċedura huma ġeneralment ikkunsidrati li japplikaw għas-sitwazzjonijiet kollha pendenti fid-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom, fis-sens li, fir-rigward tad- deċiżjoni kkontestata, adottata abbażi tar-Regolament Nru 1/2003, l-atti preparatorji għandhom jiġi adottati abbażi tar-regoli tal-proċedura fis-seħħ tal-adozzjoni tagħhom, jiġifieri l-Artikolu 36(1) tal-KEFA f'dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet, u l-Artikolu 19(1) tar-Regolament Nru 17 għad-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet addizzjonali.

39 Madankollu, għandu jiġi eżaminat jekk l-atti preparatorji meħuda mill-Kummissjoni għall-finijiet tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-2002 jistgħux jiġu kkunsidrati bħala ekwivalenti għal dawk previsti mir-Regolamenti Nri 1/2003 u 773/2004. Fil-fatt, jekk dan ikun il-każ, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li ma rrepetithomx qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata.

40 L-Artikolu 10(1) u (2) tar-Regolament Nru 773/2004, moqri fid-dawl tal-Artikolu 27(1) tar-Regolament Nru 1/2003 li huwa jimplementa, jipprevedi li, qabel ma tiġi adottata deċiżjoni skont, b'mod partikolari, l-Artikolu 7 ta' dan l-aħħar regolament, il-Kummissjoni tinnotifika lill-partijiet ikkonċernati bid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet billi tagħtihom il-possibbiltà li jinformawh bil-fehma tagħhom f'terminu li hija tiffissa.

41 Madankollu, kif essenzjalment irrilevat il-Qorti Ġenerali fil-punti 123 u 124 tas-sentenza appellata, li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni diġà nnotifikat lill-impriżi kkonċernati bid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet u bid-dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet addizzjonali u fir-rigward ta' dawn il-komunikazzjonijiet, li d-deċiżjoni kkontestata ma tattribwixxix atti ġodda lil Ferriere Nord u li ma tbiddilx b'mod sostanzjali l-provi tal-ksur ilmentat. Barra minn hekk, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punt 53 tal-konklużjonijiet tiegħu, ma teżistix differenza kbira, f'dak li jirrigwarda l-kontenut, bejn dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet adottata taħt is-sistema tat-Trattat KEFA au dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet adottata konformement mar-Regolamenti Nri 17 u 1/2003. In-notifika tad-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet ġdida ma hijiex għaldaqstant imposta.

42 F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rreferiet, ġustament, għall-punt 73 tas-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni (C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582), li fiha jitfakkar li l-annullament ta' att tal-Unjoni ma jaffettwax neċessarjament l-atti preparatorji, peress li l-proċedura għas-sostituzzjoni tal-miżura annullata tista', fil-prinċipju, tissokta fil-punt stess li fih seħħet l-illegalità.

43 Fil-fatt, kif ikkonstatat il-Qorti Ġenerali fil-punt 119 tas-sentenza appellata, id-deċiżjoni tal-2002 ġiet annullata għal nuqqas ta' kompetenza min-naħa tal-Kummissjoni li tadottaha fuq il-bażi tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat tal-KEFA, li ma kienx għadu fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni, b'tali mod li kienet preċiżament f'dik id-data li seħħet dik l-illegalità. Konsegwentement, dan l-annullament ma jaffettwax id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u lanqas id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali.

44 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali ma wettqitx żball ta' liġi billi kkonkludiet fil-punt 122 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma kellhiex l-obbligu li tadotta dikjarazzjoni ta' oġġezzjonijiet ġdida.

45 Madankollu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 55 tal-konklużjonijiet tiegħu, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 773/2004, il-Kummissjoni għandha tagħti lill-partijiet li nnotifikatilhom dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet l-opportunità li jiżviluppaw l-argumenti tagħhom f'seduta, jekk huma jitolbu dan fis-sottomissjonijiet miktuba tagħhom. Għalhekk, sa fejn, kif jirriżulta mill-punt 43 ta' din is-sentenza, id-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet u d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali ma humiex affettwati mill-annullament tad-deċiżjoni tal-2002, għandu jiġi eżaminat jekk il-Kummissjoni tatx lill-imsemmija partijiet l-opportunità li jiżviluppaw l-argumenti tagħhom matul is-seduta mmexxija konformement mar-rekwiżiti proċedurali tar-Regolamenti Nri 1/2003 u 773/2004, b'mod partikolari dawk imsemmija fl-Artikolu 14 ta' dan l-aħħar regolament, kif inhi obbligata li tagħmel.

46 F'dan ir-rigward, għand jiġi rrilevat li, taħt is-sistema proċedurali stabbilita mir-Regolament Nru 1/2003, kif spjegat fir-Regolament Nru 773/2004, huwa previst, Fl-Artikolu 14(3), tiegħu li l-awtoritajiet ta' kompetizzjoni tal-Istati Membri huma mistiedna li jattendu s-seduta li, fuq talba tad-destinatarji għal dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, issegwi l-għoti ta' din tal-aħħar.

47 Madankollu, fir-rigward tas-seduti li seħħew matul is-sena 2002, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ma attendewx għal dik tat-13 ta' Ġunju 2002, peress li tali attendenza ma kinitx prevista mit-Trattat KEFA li kien fis-seħħ dak iż-żmien. Huwa stabbilit li din is-seduta hija tirrigwarda l-mertu tal-kawża, jiġifieri tirrigwarda l-aġir li l-Kummissjoni qed tilmenta dwaru mal-impriżi innotifikati bid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet. Dan jirriżulta, b'mod partikolari, mill-punti 379 sa 382 tad-deċiżjoni kkontestata u huwa kkonfermat fil-punt 148 tas-sentenzi tal-Qorti Ġenerali tad-9 ta' Diċembru 2014, Alfa Acciai vs Il-Kummissjoni (T-85/10, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1037), kif ukoll tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriera Valsabbia u Valsabbia Investimenti vs Il-Kummissjoni (T-92/10, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1032).

48 Min-naħa l-oħra, is-seduta tat-30 ta' Settembru 2002, li għaliha kienu ġew mistiedna r-rappreżentanti tal-Istati Membri konformement mar-regoli tat-Trattat KE issa applikabbli, b'mod partikolari konformement mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2842/98, tat-22 ta' Diċembru 1998, dwar is-smigħ tal-partijiet f'ċerti proċedimenti taħt l-Artikoli [81 KE] u [82 KE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 4, p. 204), li jirrigwarda d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali, jiġifieri l-konsegwenzi legali tal-iskadenza tat-Trattat KEFA għall-prosegwiment tal-proċedura. Dan jirriżulta, minn naħa, minn din id-dikjarazzjoni li stiednet espressament id-destinatarji tagħha sabiex jinformawha bil-fehma tagħhom dwar is-suġġett tal-imsemmija oġġezzjonijiet addizzjonali. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni indikat, fil-punt 382 tad-deċiżjoni kkontestata, li hija ma qisitx neċessarju li tirrepeti s-seduta tat-13 ta' Ġunju 2002, b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Nri 17 u 1/2003, peress li din is-seduta, li għaliha ma attendewx ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, ġiet miżmuma konformement mar-regoli tat-Trattat

KEFA applikabbli f'din id-data. Barra dan, matul is-seduta komuni tal-Kawżi C-85/15 P sa C-89/15 P, il-Kummissjoni kkonfermat, b'risposta għal domanda tal-Qorti tal-Ġustizzja, li d-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet addizzjonali ma kinitx tirrigwarda l-fatti jew il-provi li kienu s-suġġett tal-proċedura.

49 Minn dan jirriżulta li f'din il-proċedura, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri ma attendewx għal seduta li tirrigwarda l-mertu tal-kawża, iżda attendew biss għal dak li dwar il-konsegwenzi legali li jirriżultaw mill-iskadenza tat-Trattat KEFA.

50 Madankollu, konformement mal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 36 u 37 ta' din is-sentenza, meta tiġi adottata deċiżjoni abbażi tar-Regolament Nru 1/2003, il-proċedura li twassal għal din id-deċiżjoni għandha tkun konformi mar-regoli ta' proċedura previsti minn dan ir-regolament, anki jekk din il-proċedura bdiet qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

51 Minn dan isegwi, li qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kienet obbligata, b'applikazzjoni tal-Artikoli 12 u 14 tar-Regolament Nru 773/2004, li tagħti lill-partijiet l-opportunità li jiżviluppaw l-argumenti tagħhom matul seduta li għaliha ġew mistiedna l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-istati Membri. Għalhekk, ma jistax jiġi kkunsidrat li s-seduta tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mertu tal-kawża, issodisfat ir-rekwiżiti proċedurali dwar l-adozzjoni ta' deċiżjoni abbażi tar-Regolament Nru 1/2003.

52 Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset, fil-punt 148 tas-sentenza appellata, li l-Kummissjoni ma għandhiex l-obbligu, qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, li torganizza seduta ġdida mill-Uffiċjal tas-Seduta, peress li l-impriżi kkonċernati kellhom diġà l-possibbiltà li jinstemgħu oralment matul is-seduti tat-13 ta' Ġunju u t-30 ta' Settembru 2002.

53 Inkunsiderazzjoni, kif enfasizza l-Avukat Ġenerali fil-punti 56 u 57 tal-konklużjonijiet tiegħu, tal-importanza, fil-kuntest tal-proċedura prevista mir-Regolamenti Nri 1/2003 u 773/2004, taż-żamma, fuq talba tal-partijiet ikkonċernati, ta' seduta li għaliha, konformement mal-Artikolu 14(3) tat-tieni regolament, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri huma mistiedna, l-ommissjoni ta' din is-seduta tikkostitwixxi ksur tal-forom proċedurali sostanzjali.

54 Sa fejn id-dritt għal tali seduta, previst mir-Regolament Nru°773/2004, ma huwiex irrispettat, ma huwiex neċessarju għall-impriża li d-drittijiet tagħha ġew b'hekk miksura li turi li dan il-ksur seta' influwenza, għad-detriment tagħha, l-iżvolġiment tal-proċedura u l-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata.

55 Għaldaqstant, l-imsemmija proċedura hija neċessarjament ivvizzjata, indipendentement mill-konsegwenzi eventwalment dannużi għar-rikorrenti li jistgħu jirriżultaw minn dak il-ksur (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Novembru 2012, Il-Kummissjoni vs Éditions Odile Jacob, C-553/10 P u C-554/10 P, EU:C:2012:682, punti 46 sa 52, kif ukoll tad-9 ta' Ġunju 2016, CEPSA vs Il-Kummissjoni, C-608/13 P, EU:C:2016:414, punt 36).

56 Minn dak li ntqal jirriżulta li għandu jintlaqa' t-tieni aggravji mqajjem minn Ferriere Nord u, għaldaqstant, li tiġi annullata s-sentenza appellata, mingħajr ma huwa neċessarju li jiġu eżaminati l-argumenti mressqa minn din tal-aħħar fil-kuntest ta' dan l-aggravju, jekk huma ammissibbli, u lanqas l-aggravji l-oħra tal-appell

Fuq ir-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali

57 Konformement mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 61 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-appell ikun fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Hija b'hekk tista' tiddeċiedi hija stess definittivament il-kawża meta din tkun fi stat li tiġi deċiża.

58 F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-elementi neċessarji sabiex tiddeċiedi definittivament ir-rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ppreżentat minn Ferriere Nord quddiem il-Qorti Ġenerali.

59 F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li, għar-raġunijiet imsemmija fil-punti 33 sa 55 ta' din is-sentenza, id-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata f'dak li tirrigwarda lil Ferriere Nord, għal ksur tal-forom proċedurali sostanzjali.

Fuq l-ispejjeż

60 Skont l-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja taqta' l-kawża definittivament hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

61 L-Artikolu 138(1) ta' dawn ir-Regoli, applikabbli għall-proċedura ta' appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-imsemmija Regoli, jipprovdi li l-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li Ferriere Nord rebħet fil-kuntest tal-appell u peress li r-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali ntlaqa', hemm lok, b'mod konformi mat-talbiet ta' Ferriere Nord, li tikkundanna lill-Kummissjoni tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha, dawk sostnuti minn Ferriere Nord, kemm fl-ewwel istanza kif ukoll fil-kuntest tal-appell.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tad-9 ta' Diċembru 2014, Ferriere Nord vs Il-Kummissjoni (T-90/10, mhux ippubblikata, EU:T:2014:1035), hija annullata.**

2) **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C (2009) 7492 finali, tat-30 ta' Settembru 2009, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 65 KEFA (Każ COMP/37.956 – vireg għar-rinfurzar tal-konkrit, adozzjoni mill-ġdid), fil-verżjoni emendata tagħha bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2009) 9912 finali, tat-8 ta' Diċembru 2009, hija annullata f'dak li jirrigwarda Ferriere Nord SpA.**

3) **Il-Kummissjoni għandha tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż ta' Ferriere Nord SpA, inkorsi kemm għall-proċedura fl-ewwel istanza kif ukoll għal dan l-appell.**

Firem